# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 2 ta' Ġunju 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 123/2022 BS**

**Jane Spiteri k/a Yvonne Spiteri;**
**u Christophe Francois Spiteri**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex;**
**u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta' Malta**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

1. ILLI Jane magħrufa bħala Yvonne Spiteri twieldet nhar il-21 ta' Marzu, 1962 u ngħatat l-isem *(Names given)* ta' "Jane, Domenica, Josephine" u l-"isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ" bih *(Name or names by which child is to be called)* Jane u dan kif jirriżulta miċ-

ċertifikat tat-twelid tagħha stess, li jġib in-numru tal-iskrizzjoni 170/1962, hawn anness u mmarkat Dok A;

2. ILLI minkejja l-isem ta' kif għandha tissejjaħ bih ġie dikjarat bħala 'Jane' fiċ-ċertifikat tat-twelid, il-ġenituri tal-esponenti dejjem xtaqu illi lill-esponenti tingħata l-isem ta' 'Yvonne';

3. ILLI dan ma kienx possibbli għaliex dak iż-żmien, ċioè [sic] fis-sena 1962, il-parroċċa fejn kienet mgħammda ma ppermettietx li tingħata isem li ma huwiex bibbliku u konsegwentement kellha tiġi reġistrata bl-isem ta' 'Jane';

4. ILLI minkejja dan, l-esponenti sa minn ċkunita kienet imsejħa u magħrufa bħala Yvonne u dan kif ser jirriżulta mill-ġbir tal-provi;

5. ILLI fil[-]fatt, kemm fil-formola msejħa bħala l-P3 tas-sena 1984–1986 u kif ukoll mill-invit tat-tieġ tal-esponenti, li seħħ nhar is-26 ta' Ġunju, 1988, huwa evidenti li l-isem li bih kienet magħrufa huwa fil[-]fatt Yvonne u mhux Jane; (ara dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok B u Ċ rispettivament;

6. ILLI r-rikorrenti żżewġet lil Joseph Paul Spiteri fis-26 ta' Ġunju, 1988 u dan kif jirriżulta mill-estratt veru tal-Att taż-żwieġ relattiv, bin-numru tal-iskrizzjoni 69/1988, hawn anness u mmarkat Dok D;

7. ILLI r-rikorrenti għandha tifel bl-isem ta' Christophe Spiteri u dan kif jirriżulta mill-estratt veru mill-att tat-twwelid [sic] relattiv, hawn anness u mmarkat Dok E;

8. ILLI kemm il-karta tal-identità tagħha u kif ukoll fid-dokumenti tal-Kummissjoni Elettorali hija tinsab imniżżla bħala Spiteri Jane k/a Yvonne u fil[-]fatt kulħadd jafha bħala Yvonne; (ara dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok Fu G rispettivament;

9. ILLI anke fuq il-passaport tal-attriċi, isimha huwa indikat bħala Spiteri Jane. Ara vera-kopja hawn annessa u mmarkata Dok H);

10. ILLI r-rikorrenti tixtieq illi isimha jiġi reġistrat bħala Yvonne minflok Jane fuq l-Att tat-Twelid tagħha u li dan il-bdil jiġi rifless fuq kull att ta' stat ċivili fuq imsemmi;

11. ILLI r-rikorrenti taf bil-fatti kollha hawn esposti personalment;

12. ILLI għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-isem Yvonne u mhux Jane huwa l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistentement imsejħa;

2. Tordna li ssir il-korrezzjoni meħtieġa fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Jane Spiteri nee' Vella reġistrati Għawdex, bir-reġistrazzjoni numru 170/1962, fis-sens illi fejn jidher l-isem "*Jane*" fil-kolonnI [sic] [i]ntestati "*Ismijiet mogħtijin*" u "*Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ*" dan jitħassar u minflok jitneżżel [sic] l-isem "*Yvonne*";

3. Tordna li ssir korrezzjoni meħtieġa fl-Att taż-żwieġ tar-rikorrenti reġistrat Għawdex, bin-numru, 68/1988 fis-sens illi fejn jidher l-isem "*Jane*" u senjatament fil-kolonna ntestata "*Isem* u *Kunjom*" dan jitħassar u minfloku jitniżżel "Yvonne";

4. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid ta' iben ir-rikorrenti Christophe Spiteri, imwieled Malta, bir-reġistrazzjoni numru 397/1994 fis-sens illi fejn jidher l-isem "*Jane*" u ċioè [sic] fil-kolonna [i]ntestata "*Isem u Kunjom ta' l-Omm*" dan jitħassar u minfloku jitniżżel "*Yvonne*";

5. Tordna li, *ai termini* tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, it-tibdil surreferit jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili ieħor relattiv għall-istess rikorrenti, fis-sens illi kull fejn jidher l-isem "*Jane*" jew "*Jane known* as *Yvonne*", jitħassar u minfloku jitniżżel "*Yvonne*";

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku ta['] Għawdex li huwa minn issa [i]nġunt in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku, Għawdex illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-esponent jissottometti illi huma mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tar-raba' talba attriċi stante illi l-att tat-twelid in kwistjoni huwa rreġistrat fir-Registru Pubbliku f'Malta u mhux f'Għawdex;

2. ILLI għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. ILLI mill-Att tat-Twelid ta' Jane Spiteri, innumerat 170/1962, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok. A, jirriżulta illi hija twieldet [Ta'] Sannat, Għawdex, fil-21 ta' Marzu 1962, lil Grazio Vella u lil Geswalda Vella nee['] Muscat, u li 'Jane Vella' kienu ddikjarati bħala l-isem u l-kunjom li bihom hija għandha tiġi msejħa;

4. ILLI kien il-missier, Grazio Vella, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid ta' binthom Jane u li ddikjara kif hija għandha tiġi msejħa. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid iddetaljat, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, u fejn hemm il-firma tal-missier bħala l-persuna li għamlet id-dikjarazzjoni relattiva;

5. ILLI mill-Att taż-żwieġ ta' Jane u Joseph Spiteri, innumerat 68/1988 u mhux kif ġie indikat skorrettament fir-rikors promotur (69/1988), kopja ta' liema tinsab annessa mal-istess rikors promotur u mmarkata Dok. D, l-isem tal-mara miżżewġa jidher bħala 'Jane';

6. ILLI kienu l-istess miżżewġin, Jane u Joseph Spiteri, li għamlu d-dikjarazzjoni taż-żwieġ tagħhom. Dan jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ iddetaljat, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 2, u fejn hemm il-firma taż-żewġ miżżewġin bħala l-persuni li għamlu d-dikjarazzjoni relattiva;

7. ILLI r-rikorrent [i]pproċediet bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tagħha innumerat 170/1962, fl-Att taż-Żwieġ innumerat 68/1988 u fl-Att tat-Twelid ta' binha innumerat 397/1994 stante illi minkejja l-isem ta' kif

għandha tissejjaħ bih ġie dikjarat bħala 'Jane' fiċ-ċertifikat tat-twelid, il-ġenituri tagħha dejjem xtaqu illi tingħata l-isem ta' 'Yvonne';

8. ILLI l-esponent mill-ġdid itenni illi huwa mhux responsabbli għall-Att tat-Twelid ta' Christophe-Francois Spiteri li huwa reġistrat f'Malta, għalhekk m'għandux jiġi mitlub iwettaq l-emendi li r-rikorrenti jitolbu fir-raba' talba tagħhom;

9. ILLI l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taħt l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuħa għall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Għal kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija miżura straordinarja għal skopijiet pubbliċi intiża esklussivament biex telimina mill-imħuħ tan-nies kull possib[b]ilità ta' konfużjoni u diżordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizzazzjoni ġudizzjali ta' bidla fl-isem m'għandhiex tiġi konċessa għaliex ir-rikorrenti sempliċiment tixtieq tbiddel isimha, iżda tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk jirriżulta li din meħtieġa assolutament għall-esiġenza pubblika;

10. ILLI bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. SALV eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku ta' Malta illi eċċepixxa:**

1. ILLI preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. ILLI għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. ILLI mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, innumerat 170/1962, u rreġistrat f'Għawdex, jirriżulta illi hija twieldet is-Sannat, Għawdex, fil-21 ta' Marzu 1962, lil Grazio Vella u lil Geswalda Vella née Muscat, u li 'Jane' kien iddikjarat bħala l-isem li bih hija għandha tiġi msejħa;

4. ILLI konsegwentement, l-isem 'Jane' ġie rifless fl-Att taż-żwieġ tar-rikorrenti, li huwa wkoll irreġistrat Għawdex, kif ukoll fl-Att tat-Twelid ta' binha, l-attur Christophe-Francois, innumerat 397/1994, li huwa rreġistrat f'Malta;

5. ILLI r-rikorrenti tgħid li minkejja dak iddikjarat fuq l-Att tat-Twelid tagħha u fuq l-atti l-oħrajn tal-istat ċivili li jappartjenu lilha, hija minn dejjem kienet imsejħa Yvonne, u għalhekk ipproċediet bil-kawża istanti, sabiex l-isem indikat fuq l-atti tal-istat ċivili tagħha jkun jirrifletti l-isem li effettivament dejjem kienet imsejħa bih;

6. ILLI l-esponent jirrileva minnufih illi huwa mhux il-leġittimu kontradittur fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talba attriċi, stante illi l-atti relattivi mhumiex irreġistrati fir-Registru Pubbliku ta' Malta u għalhekk isegwi li kwalunkwe tibdil li jista' jiġi ordnat f'dawn l-atti minn din l-Onorabbli Qorti għandu jsir mir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex;

7. ILLI fir-rigward tal-ewwel talba attriċi u fir-rigward tar-raba' talba attriċi, li tikkonċerna l-Att tat-Twelid tar-rikorrent Christophe-Francois li huwa rreġistrat f'Malta, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi. L-esponent jirrileva wkoll illi la darba [sic] r-raba' talba attriċi hija konsegwenti għat-tieni u għat-tielet talba attriċi, għall-finijiet ta' uniformità, f'każ li ma jintlaqgħux it-tieni u t-tielet talba lanqas għandha tintlaqa' r-raba' talba attriċi;

8. ILLI bla ħsara għall-premess, fir-rigward tal-ħames talba attriċi, fejn qed jintalab li t-tibdil rikjest jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili ieħor relattiv għall-istess rikorrenti, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir biss f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, **liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom**. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan- numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

9. ILLI bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. SALV eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

**Rat** id-dokumenti ppreżentati mill-atturi annessi mar-rikors ġuramentat;

**Rat** illi fis-16 ta' Novembru, 2022 il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għat-18 ta' Jannar, 2023;

**Rat** li fis-seduta tat-22 ta' Frar, 2023 l-kawza ġiet differita għas-sentenza għal-lum;

**Fliet** l-affidavits kollha esibiti mill-atturi;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-atturi kif indikat fir-rikors qed jagħmlu din it-talba ai termini tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Huma jgħidu li isem l-attriċi fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha ġie mniżżel bħala «Jane» mentri l-ġenituri tagħha riedu li hija tissejjaħ «Yvonne» iżda dan ma seħħx minħabba reżistenza da parti tal-kappillan li insista li hija kellha tingħata isem bibliku. Jinsistu li fil-ħajja ta' kuljum kulħadd jaf lill-attrici bħala «Yvonne» mentri fl-att taż-żwieġ isimha tniżżel bħala «Jane» bħala riflessjoni għal isem indikat fl-att tat-twelid. Jgħidu li dan qed joħloq problema fil-ħajja tal-

attriċi li soċjalment hija magħrufa bħala «Yvonne», tant li anke l-inviti tat-tieġ tagħhom isimha ġie indikat bħala «Yvonne».

Kif jirriżulta mill-atti id-debita pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 254 saret.

Illi mill-provi senjatament mill-affidavits ippreżentati kif ukoll mid-dokumenti esibiti jirriżulta bl-aktar mod ċar illi l-attrici fil-ħajja soċjali tagħha hija magħrufa bħala «Yvonne» u mhux Jane. Jirriżulta wkoll li kieku l-attriċi kellha tkun kostretta tuża l-isem «Jane» dan ser iġib konfużjoni billi ħadd ma jafha b'dak l-isem.

Fil-fehma tal-Qorti talba għal tibdil fl-isem ta' persuna għandha tiġi akkordata biss jekk jirriżulta li tali tibdil huwa meħtieġ sabiex tiġi eliminata konfużjoni u diżordni fl-imħuħ tal-membri tas-soċjetà dwar l-identifikazzjoni. Infatti l-attriċi fil-ħajja tagħha ta' kuljum hija magħrufa bħala «Yvonne» u għaldaqstant hija l-fehma ta din il-Qorti t-talbiet tal-atturi huma mistħoqqa u dan għar-ragunijiet ġa mogħtija.

Billi ma jirriżultax xi tort mill-konvenuti allura dawn m'għandhomx ibatu l-ebda spejjeż.

## DECIDE:

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

i) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi Yvonne huwa l-isem li bih l-attriċi hija konsistentement magħrufa;

ii) Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Reġistratur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex sabiex jagħmel il-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-attriċi Jane Spiteri nee' Vella

reġistrat Għawdex, bir-reġistrazzjoni numru 170/1962, fis-sens illi fejn jidher l-isem «*Jane*» fil-kolonna intestati «*Ismijiet mogħtijin*» *u* «*Isem jew ismijiet kif għandha tissejjaħ*» dan jitħassar u minflok jitniżżel l-isem «*Yvonne*»;

iii) Tilqa' t-tielet talba u tordna lir-Reġistratur tar-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex biex jagħmel il-korrezzjoni meħtieġa fl-Att taż-żwieġ tal-atturi bin-numru, 68/1988 b'dan illi fejn jidher l-isem «*Jane*» u senjatament fil-kolonna intestata «*Isem* u *Kunjom*» dan jitħassar u minfloku jitniżżel «Yvonne»;

iv) Tilqa' r-raba' talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbiku ta' Malta biex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid ta' iben l-atturi Christophe Spiteri, bir-reġistrazzjoni numru 397/1994 b'dan illi fejn jidher l-isem «*Jane*» u ċjoè fil-kolonna intestata «*Isem u Kunjom ta' l-Omm*» dan jitħassar u minfloku jitniżżel «*Yvonne*»;

v) Tilqa' l-ħames talba u tordna li, *ai termini* tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, it-tibdil surreferit jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili ieħor relattiv għall-istess attriċi, fis-sens illi kull fejn jidher l-isem «*Jane*» jew «*Jane known* as *Yvonne*», jitħassar u minfloku jitniżżel «*Yvonne*».

L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-atturi.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**